MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Numru 245/2007

**Il-Pulizija**
**(Sp.Pierre Grech)**

**v**
**Suleiman Khalifa Ibrahim ta' 26 sena, iben Khalifa u Nadia imwieled Egittu fl-1981**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Suleiman Khalifa Ibrahim li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fis-17 ta' Lulju, 2007
(a) Biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta
(b) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta‘ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti bhala wahda ta‘ Gudikatura Kriminali (folio 4).

Rat illi l-akkuzat wiegeb li huwa ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (folio 5).

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi fl-ewwel lok rat id-dokument esebit bhala Dok MM cioe r-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud li fiha kkonkluda illi l-isticks misjuba fuq il-persuna ta‘ l-akkuzat kellhom ammont totali ta‘ 15.904 grammi bil-purita ta‘ 7.3% u li kienu sustanza raza tal-pjanta cannabis u ghalhekk ikkontrollati bil-ligi taht it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat ix-xhieda ta‘ PC 343 Glenn Carabott li kien l-ufficjal tal-Pulizija li fil-fatt ra persuna barranija miexja fid-direzzjoni ta‘ l-imputat, ra lill-imputat u li din il-persuna jaghmlu deal.  Segwihom, dak li xtara rnexxielu jahrab, l-imputat gie mizmum u arrestat minn dan il-pulizja.  Meta saret search fuq il-persuna ta‘ l-akkuzat minn dan ix-xhud sabulu fuqu pakkett sigaretti fil-but tal-jeans li fih kellu bicciet ta‘ sustanza suspettata raza.

Iddeskriva lit-terza persuna nvoluta fid-deal imsemmi bhala “twila, bjonda u jidher barrani“ (folio 51).

Jghid ukoll dan ix-xhud illi hu ma ra ebda persuna ohra, ghajr turisti (kien is-sajf) fil-vicinanzi ta‘ l-hekk imsejjah deal.

L-istess imputat irrilaxxa stqarrija lill-Ufficjal Prosekutur kif ukoll li ghazel li jixhed viva voce.

Fl-istqarrija huwa qal li kien avvicinat minn persuna Russa li stqasietu ghall-ismoke. L-istess akkuzat wiegbu li ma kellux u ndikalu persuna ta‘ nazzjonalita‘ Afrikana, ghalhekk minhabba l-kulur tal-gilda baghat lilu, lill-akkuzat, jixtrilu. L-akkuzat avvicina persuna mill-Afrika jew ic-Chad li tah pakkett tal-Marlboro (PC 343 jghid li fuq il-persuna ta‘ l-akkuzat sab pakketta tal-Marlboro mimli bil-cannabis.)

Sar id-deal allura bejn ir-Russu u l-akkuzat u kien kif l-akkuzat kien tielgha lura lejn il-persuna li tatu d-droga gie intercettat mill-Ufficjal tal-Pulizija msemmi. Ghalkemm jghid li l-Pulizija qallu bir-Russu dan lahaq harab minn fuq il-post.

Viva voce reggha kkonferma li gie avvicinat minn persuna ta‘ nazzjonalita‘ Russa li staqsieh ghall-ismoke. Indikalu l-akkuzat lill-klandestini li skond hu jkollhom l-ismoke. Mar l-akkuzat javvicina hu lil dawn il-klandestini ghax ir-Russu talbu dan il-pjacir. Dan is-Sudaniz (issa din in-nazzjonalita‘ li xehed) tah pakkett sigaretti li kien fihom il-haxixa. Ir-Russu xtara b’Lm 10. Qabduh il-pulizija bil-pakkett f’idejh kontenenti l-haxixa. Jghid li lill-iehor il-pulizija rah pero‘ ma

Ikkonsidrat

Illi certament ma hemm ebda dubju illi kien l-akkuzat li fi kliemu ghamilha ta‘ medjatur bejn is-Sudaniz u r-Russu, jekk se titwemmen il-verzjoni tieghu. Kien fil-fatt intermedjarju volontarju u anke ghamel ftehim ta‘ qligh mas-Sudaniz skond l-ammont ta‘ droga li kellu jbiegh folio 45.

Illi għaldaqstant qed issibu ħati ta‘ l-akkuzi kif dedotti kontra tiegħu b’dan illi t-tieni akkuza hija kompriza u nvoluta fl-ewwel akkuza wara li rat l-artikolu 8, 22 tal-Kapitlu 101.

Tikkundannah għal piena karcerarja ta‘ disa‘ xhur u għal multa ta‘ tliet mitt lira Maltija (Lm 300).

Tordna wkoll illi ai termini ta‘ l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 li jħallas fi zmien xahar mil-llum is-somma ta‘ spejjez peritali ta‘ Lm 193.82.
Rat l-artikolu 14 tal-Kapitlu 9 u takkorda li s-somma dovuta titħallas fi zmien xahrejn mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------